## PROGRAMM

| | |
|---|---|
| **George Farrugia** | Introduzzjoni għas-seminar – Ir-ribelljoni, il-liriċità u l-ispiritwalità fil-poeżija ta' Mario Azzopardi |
| **Charlò Camilleri** | "Quddiem bieb samm" ta' "sala migrufa" – Mario Azzopardi fl-intimità tal-jien |
| **Keith Borg** | "Dal-leħen jirbombja fid-deżert": l-aġitazzjoni u l-protesta bħala appell soċjali f'*Epistoli mid-Deżert* ta' Mario Azzopardi |
| **Adrian Grima** | "Bl-inġenji grotteski tax-xjaten": Katavri mill-Kolonji |

**Mistoqsijiet u interventi mill-udjenza**

**Pawsa għal te/kafè**

| | |
|---|---|
| **Immanuel Mifsud** | "Kellu fuqu riħa ta' mirra w sandlu" |
| **Patricia Gatt** | "F'rasi l-barnuża tat-tewba, riesaq lejn il-qofol Divin" |
| **Charles Briffa** | Mario Azzopardi: "Jien il-poeta misħut" |

**Mistoqsijiet u interventi mill-udjenza**

| | |
|---|---|
| **Glen Attard** | Kelmtejn tal-għeluq |

**Moderatriċi: Leanne Ellul**

L-Università ta' Malta
Id-Dipartiment tal-Malti

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

# SEMINAR DWAR *EPISTOLI MID-DEŻERT* TA' MARIO AZZOPARDI

Aula Prima, l-Università ta' Malta,
il-Belt Valletta

24 ta' Frar 2024




ORGANIZZAT MILL-ISTITUT KARMELITAN,
ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI FL-UNIVERSITÀ
U L-AKKADEMJA TAL-MALTI

# BIJONOTI

### Keith Borg

Studja l-Komunikazzjoni u l-Malti fl-Università ta' Malta. Iggradwa b'Masters fit-Tradizzjoni Letterarja u l-Kultura Popolari (2014). Ħa sehem f'għadd ta' ljieli letterarji, kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Fl-2017 ippubblika l-ewwel ġabra ta' poeżiji bit-titlu *hemm qarsa fil-vers* (Klabb Kotba Maltin). Ippubblika wkoll novella fl-antoloġija *Skariġġi* (2012) u xi poeżiji ġew tradotti u ppubblikati fil-Grieg u fis-Sloven. Fl-2021 ippubblika ktieb ta' stejjer qosra, *Il-Parabboli tal-imġienen* (Merlin Publishers), li kien nominat għall-'Premju Nazzjonali tal-Ktieb' (2022). Fl-2023 ippubblika poeżija twila, *magħġuna fit-tbenġil* (Ede Books), bħala reazzjoni għall-qtil ta' Bernice Cassar. Borg huwa l-koordinatur tal-għaqda volontarja Inizjamed. Iħares lejn il-letteratura bħala mezz biex jifhem aħjar lid-dinja, il-bnedmin, u fuq kollox lilu nnifsu.

### Charles Briffa

MOM għallem il-letteratura Maltija u t-teorija u l-prattika tat-traduzzjoni fl-Università ta' Malta, u għal bosta snin ilu involut b'mod regulari fix-xandir – ixandar sensiliet sħaħ ta' programmi letterarji u lingwistiċi fuq ir-radju u t-televixin. Huwa membru attiv tal-Poetics and Linguistics Association (UK), u kien il-President tal-Akkademja tal-Malti u membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Huwa kritiku letterarju u kiteb b'mod estensiv fuq il-karatteristiċi stilistiċi tal-poeżiji u tal-proża letterarja tal-letteratura Maltija u l-kwalitajiet psikostilistiċi tal-poeti u r-rumanzieri Maltin. Jagħmel riċerka kontinwa fl-isfera tal-lingwistika kulturali biex jgħarrex xi xejriet etnoloġiċi. Il-pubblikazzjonijiet numerużi tiegħu jinkludu medda wiesgħa ta' studji fuq il-lingwa kulturali, it-traduzzjoni, u l-letteratura, u diversi dizzjunarji. Fuq Mario Azzopardi kiteb *Travelling between Shadows* (2007) u *Dellijiet Jgħajtu fir-Ras – Mario Azzopardi: Poeżija, Narrattiva, u Kummiedja Soċjali* (2020). Kiseb bosta premjijiet letterarji. Fit-13 ta' Diċembru 2020 l-Istat ħatru membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu għall-kontribuzzjoni ddedikata li ta fil-qasam tal-lingwa Maltija u l-kisbiet li għamel f'dan il-qasam.

### Charlò Camilleri o.carm.

Il-formazzjoni akkademika ħadha fl-Università ta' Malta, fl-Istitut CIFS u fl-Università Pontifiċja Gregorjana. Ilu lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta mill-2008 fejn jgħallem fl-oqsma tal-ispiritwalità, il-ħajja kkonsagrata, id-direzzjoni spiritwali, u l-mistika. Huwa membru tal-Bord Akkademiku tal-Istitut Karmelitan, li tiegħu kien l-ewwel direttur sal-2018. Fil-Fakultà tat-Teoloġija kien sal-2018 kordinatur tal-Programm M.A. fit-Teoloġija Spiritwali, u attwalment huwa l-kordinatur tal-Programm M.A. fl-Akkumpanjament Spiritwali. Fl-2019 ġie afdat bil-proġett editorjali għall-edizzjoni kritika tal-kitbiet mistiċi ta' Ġwanni ta' San Sansun. Attwalment huwa *Directeur des recherche* fiċ-Ċentru tal-Istorja tal-Ispiritwalità (CEHS) f'Nantes u lettur mistieden fil-Programm *Parcours théologique diocésain* imsieħeb mal-*Université catholique de l'Ouest* (UCO). Awtur ta' diversi artikli u kotba, fosthom l-ewwel ġabra ta' poeżiji *Tattwaġġi* fl-2016. Camilleri jemmen bis-sħiħ fil-metodu interdixxiplinari u transdixxiplinari li fih jgħaqqad it-teoloġija ma' diversi oqsma tal-għerf.

### Patricia Gatt

Gradwata fil-Malti, B.A. (bl-Unuri). Għallmet l-Ingliż Budapest għal tmien snin u bħalissa hi impjegata mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bħala Promotur tal-Litteriżmu.

### Adrian Grima

Jgħallem il-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta u l-Malti fl-Inalco ta' Pariġi. Ħa sehem f'konferenzi akkademiċi f'għadd ta' pajjiżi u kiteb studji dwar il-letteratura, il-metafora, u r-rappreżentazzjonijiet tal-Mediterran. L-iktar studji reċenti tiegħu huma "Landscapes of Revolution: Concetta Brincat's 1919 Unpublished Novel" (*Malta and France: Shared Histories, New Visions*, 2023) u "Il-Ġisem Mislut tal-Limerikk" (*Daħlet ix-Xilep. Kontralimerikki tal-Pandemija*, 2023).

### Immanuel Mifsud

Huwa lettur tal-letteratura Maltija fl-Università. Regolarment jagħti taħditiet f'konferenzi ta' istituti akkademiċi u f'universitajiet barranin, u organizza numru ta' konferenzi dwar il-letteratura fosthom konferenza dwar ix-xogħol ta' Doreen Micallef. Mifsud huwa wkoll awtur u poeta li x-xogħlijiet tiegħu ġew tradotti fi tnax-il lingwa u ppubblikati minn pubblikaturi ewlenin Ewropej. Fl-2011 rebaħ il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea u fl-2017 kien mistieden speċjali fil-Library of Congress u fir-rappreżentanza permanenti tal-UE f'Washington DC. Fl-istess sena kien ikkummissjonat jikteb xogħol għal Jum il-Commonwealth u jaqrah f'Westminster Abbey. Diversi drabi Mifsud irrappreżenta lil Malta f'avvenimenti kulturali ewlenin, fosthom fil-Poetry Parnassus f'Londra fl-2012, u f'ġabriet internazzjonali bħal dawk li jimmarkaw il-presidenza tal-Unjoni Ewropea tal-Italja fl-2003 u ta' Franza fl-2008 u mill-ġdid fl-2022. Fl-2013 ir-Repubblika ta' Malta tatu l-ġieħ ta' Membru tal-Ordni tal-Mertu għas-sehem letterarju tiegħu f'Malta u barra.